MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1830/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghas-socjeta’ estera Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta’ Joseph Kitcher u l-istess Joseph Kitcher**

**Vs**

**Sharqawi Ala**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm1,447.51c (elf, erba’ mija u sebgha u erbghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) rappresentanti incident stradali li sehh San Giljan fit-13 ta’ Settembru, 2002 bejn karozza numru IBD 829 misjuqa minn Sarah Kitcher u Toyota Corolla numru BBJ 796 misjuqa mill-konvenut.

Il-konvenut hu kkundanant ihallas in linea ta’ danni Lm1,318.76c (elf, tlett mija u tmintax-il lira Maltin u sitta u

sebghin centezmu) lill-Untours Insurance Agents Ltd noe u Lm128.75c (mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) lill-attur Joseph Kitcher.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50c (hdax-il lira Maltin) ta' konsult u ittra, dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru, 2003 ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax legali minn notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------